32003D0580

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
ta' l-4 ta' Awissu 2003
li jemenda d-deċiżjoni 2000/49/KE li tħassar d-deċiżjoni 1999/356/KE u li jimponi kondizzjonijiet speċjali fuq l-importazzjonijiet ta' karawett u ċertu prodotti derivati mill-karawett li joriġina fi jew kunsinjat mill-Eġittu

(notifikata bid-dokument numru K(2003) 2800)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2003/580/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkonsidraw Direttiva tal-Kunsill 93/43/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 fuq l-Iġjene fl-ikel [1] u b'mod aprtikolari l-Artikolu 10(1) ta' dan,

billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/49/KE tas-6 ta' Diċembru 1999 li tħassar id-deċIżjoni 1999/356/KE u jimponi kondizzjonijiet speċjali fuq l-importazzjoni ta' karawett u ċertu prodotti derivati mill-karawett li joriġina fi jew ġew kunsinjati mill-Eġittu [2] li hemm provvediment għal reviżjoni ta' din id-deċIż

(2) Missjoni ġiet mħarrġa mill-Uffiċji tal-Kummissjoni Ewropea fuq Ikel u Veterinarju (UIV) fl-Eġittu mit 2 sas-6 ta' Settembru 2001 biex tikkalkula l-faċilitajiet u l-miżuri għaddeterminazzjoni tal-livelli ta' aflatoxin fil-karawett intenzjonat għall-esportazzjoni fl-Unjoni Ewropea. Il-missjoni write li passi sinnifikanti biex itejbu il-kontrolli ta' karawett esportat lejn l-Unjoni Ewropea kien magħmul mill-awtoritajiet eġizzjani. It-titjib fejn jidħol it-tkabbir ta' karawett kienu partikolarment evidenti bi program ta' edukazzjoni estensiv. Barra min dan, il-proċess ta' esportazzjoni u analiżi assoċjati u ċertifikazzjoni għall-aflatoxin kien muri bħala sodisfaċenti, bl-eċċeżżjoni ta' proċedura ta' kampjunaġġ applikat. Il-prestazzjoni fil-laboratorju nstabet aċċettabbli għall-proċeduri ta' esportazzjoni. Kien osservat li mhux kull ħtieġa legali għall-ħżin ta' karawett kienu applikati.

(3) Garanziji miktuba kienu rċevuti mill-awtoritajiet eġizzjani li jikkonċernaw il-proċedura ta' kapjunaġġ applikata u tisħIħ tal-kontrolli fuq il-kondizzjonijiet ta' ħżin tal-karawett.

(4) It-tisjob fuq il-missjoni, il-garanziji miktuba mill-awtoritajiet eġizzjani u r-riżultati favorevoli sa Ottubru 2002 tal-kampjunaġġ u analiżi tal-kunsinni tal-karawett min pajjiżi Membri li jimpurtaw juri li m'hemmx bżonn ta' kampjunaġġ sistematiku u analiżi ta' kunsinni ta karawett li joriġinaw fi jew ġew kunsinjati mill-Eġittu madankollu żidea suffiċjenti fin- notifikazzjoni ta' kunsinni li ma jikkonformawx kienu oseervati min-Novembru 2002 sa Frar 2003. Dan huwa dovut għall-ħsad ħażin tas-sena 2002 li flimkien ma kontrolli mhux suffiċjenti mill-awtoritajiet Eġizzjani Dawn l-awtoritajiet ħadu miżuri addizjonali biex titjieb is-sitwazzjoni.

(5) Huwa għalhekk xieraq li jinżamm il-kampjunaġġ u l-analiżi mill-awtoritajiet kompetenti fiq l-Istat Membru li qed jimporta f'livell sinjifikanti biex b'hekk ikun hemm protezzjoni fuq is-saħħa pubblika.

(6) Biex tiġI żgurata li kampjunaġġ għall-għarrieda u analiżi tal-kunsinni tal-karawett derivat min-karawett li jiriġina fi jew ġie kunsinjat mill-Eġittu huma magħmula f'manjiera armonizzata fil-Komunità, huwa xieraq li tiġI stabbilita frekwenza approssimattiva tal-kampjunaġġ għall-għarrieda u analiżi.

(7) Regolament (KE) No 178/2002 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi il-prinċipji ġemerali u l-ħtiġiet tal-liġI ta' l-ikel, li jistabilixxi l-awtorità Ewropea għas-sigurtà ta' l-ikel u li jistabilixxi proċeduri f'materji ta' sigurtà ta' l-ikel [3] li jipprovdi stabilizzazzjoni ta' sistema ta' attenzjoni rapida għall-Ikel u affarijiet ta' l-Ikel

[1] ĠU L 175, 19.07.1993, p. 1.
[2] ĠU L 19, 25.01.2000, p. 46.
[3] ĠU L 31, 01.02.2002, p. 1.

(8) Fl-interessi tas-saħħa pubblika, Stati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'rapporti perjodiċi fuq kull riżultat analitiku għall-kontrolli uffiċjali fejn jidħlu kunsinni ta' karawett u ċertu prodotti derivati mill-karawett li joriġinaw fi jew ġew kunsinjati mill-Eġittu. Rapporti bħal dawn għandhom ikunu miżjuda ma l-obbligazzjoni tannotifika taħt is-sistema ta' attenzjoni rapida għall-ikel u affarijiet ta' l-Ikel.

(9) Fuq talba ta' ċertu Stati Membri, huwa neċessarju li tiġI aġġornate l-lista tal-punti tad-dħul fejn il-prodotti kkonċernati bid-deċIżjoni 2000/49/KE jista jkun importat fil-Komunità. Għal-raġunijiet ta' luċidità, il-lista għandħa tkun mibdula.

(10) Deċiżjoni Nru 2000/49/KE għandha tkun għalhekk emendata kif xieraq.

(11) Il-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-Ikel u saħħa ta' l-Annimali kienet ikkonsultata,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Deċiżjoni Nru 2000/49/KE hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 5 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"5. L-awtoritajiet kompetenti f'kull stat Membru għandha tieħu kampjunaġġ għall-għarrieda għall-kunsinni ta' karawett u ċertu prodotti derivati mill-karawett li joriġinaw fi jew ġew kunsinjati mill-Eġittu għall-analiżi ta' aflatoxin B1 u aflatoxin totali

L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Kummissjoni kull tlett xhur rapport ta' riżultati analitiċI ta' kontrolli uffiċjali fuq kinsinni ta' karawett u ċertu prodotti derivati mill-karawett li joriġinaw fi jew ġew kunsinjati mill-Eġittu Dan ir-rapport għandu jkun sottomess matul ix-xahar li jiġi wara kull kwart tas-sena (*).

(*) April, Lulju, Ottubru, Jannar"

(b) Il-paragrafi 6 u 7 li ġejjin huma miżjuda:

"6. Il-kampjunaġġ għall-għarrieda u analiżi li hemm referenza għalih fil-paragrafu 5 għandu jkun mistħarreġ fuq approssimament 20 % tal-kunsinji ta' prodotti għall kull kategorija ta' prodotti li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1.

Kull kunsinna għandha tkun suġġett għall-kamjunaġġ u analiżi, għandu jkun miżmum mill-ħruġ fuq is-suq mil-punt tad-dħul fil-komunità għall-massimu ta' 15 ġurnata tax-xogħol. F'dan il-każ, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jphorġu dokument li jakkumpanja li jistabilixxi li l-kunsinna kienet suġġett għall-kampjunaġġ uffiċjali u analiżi u li jindika r-riżultat ta' l-analiżi

7. Fil-każ li kunsinna tkun maqsuma, kopji taċ-ċertifikat tas-saħħa u dokumenti li hemm referenza għalihom f'pargrafi 1 u 6 u ċertifikati min-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fuq liema teritorju id-diviżjoni saret, għandha takkumpanja kull parti tal-kunsinna maqsuma"

2. L-Artikolu 2 huwa mibdul b'dan li ġej

"Artikolu 2

Din id-deċIżjoni għandha tinżamm taħt reviżjoni fid-dawl ta' l-informazzjoni u garanziji provduti mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Eġittu u fuq il-bażi tar-riżultati tat-testijiet magħmula mill-Istati Membri Din ir-reviżjoni għandha tikkalkula jekk il-kondizzjonijiet speċjali, li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1, jipprovdu livell suffiċjenti ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika fil-komunità. Ir-reviżjoni għandha wkoll tikkalkula jekk hemm bżonn kontinwu għall-kondizzjonijiet speċjali"

3. Annex II huwa mibdul bit-test fl-Anness ta' din id-deċiżjoni.

Artikolu 2

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-4 Awissu 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS II

Lista tal-punti tad-dħul fejn prodotti u prodotti derivati mill-karawett li joriġinaw fi jew ġew kunsinjati mill-Eġittu jistgħu jiġu impurtati fil-Komunità Ewropea

L-Istati Membri	Punt tad-dħul
Belġju — Belgique	Antwerpen, Zeebrugge, Brussel/Bruxelles, Aalst
Danmark	Kull port u ajruport Daniż
Deutschland	HZA Lörrach — ZA Weil-am-Rhein-Autobahn, HZA Stuttgart — ZA Flughafen, HZA München — ZA München — Flughafen, HZA Hof-Schirnding-Landstraße, HZA Weiden — ZA Furth im Wald-Schafberg, HZA Weiden — ZA Waidhaus-Autobahn, Bezirksamt Reinickendorf von Berlin, Abteilung Finanzen, Wirtschaft und Kultur, Veterinär-und Lebensmittelaufsichtsamt, Grenzkontrollstelle, HZA Frankfurt (Oder) — ZA Autobahn, HZA Cottbus — ZA Forst-Autobahn, HZA Bremen — ZA Neustädter Hafen, HZA Bremen — ZA Bremerhaven, HZA Hamburg-Hafen — ZA Waltershof, HZA Hamburg-Stadt, HZA Itzehoe — ZA Hamburg-Flughafen, HZA Frankfurt-am-Main-Flughafen, HZA Braunschweig-Abfertigungsstelle, HZA Hannover-Abfertigungsstelle, HZA Oldenburg — ZA Stade, HZA Dresden — ZA Dresden-Friedrichstadt, HZA Pirna — ZA Altenberg, HZA Löbau — Zollamt Ludwigs-dorf-Autobahn, HZA Koblenz — ZA Hahn-Flughafen, HZA Oldenburg — ZA Wilhelm-shaven, HZA Bielefeld — ZA Eckendorfer Straße Bielefeld, HZA Erfurt — ZA Eisenach, HZA Potsdam — ZA Ludwigsfelde, HZA Potsdam — ZA Berlin-Flughafen Schönefeld, HZA Augs-burg — ZA Memmingen, HZA Ulm — ZA Ulm (Donautal), HZA Karlsruhe — ZA Karls-ruhe, HZA Berlin — ZA Dreilinden, HZA Gießen — ZA Gießen, HZA Gießen — ZA Marburg, HZA Singen — ZA Bahnhof, HZA Lörrach — ZA Weil-am-Rhein-Schusterinsel, HZA Hamburg-Stadt — ZA Oberelbe, HZA Hamburg-Stadt — ZA Oberelbe — Abferti-gungsstelle Billbrook, HZA Hamburg-Stadt — ZA Oberelbe — Abfertigungsstelle Großmarkt, HZA Potsdam — ZA Berlin — Flughafen Schönefeld, HZA Düsseldorf — ZA Düsseldorf Nord
Ελλάς	Athina, Pireas, Elefsis, Aerodromio ton Athinon, Thessaloniki, Volos, Patra, Iraklion tis Kritis, Aerodromio tis Kritis, Euzoni, Idomeni, Ormenio, Kipi, Kakavia, Niki, Promahonas, Pithio, Igoumenitsa, Kristalopigi
España	Algeciras (Puerto), Alicante (Aeropuerto, Puerto), Almeria (Aeropuerto, Puerto), Asturias (Aeropuerto), Barcelona (Aeropuerto, Puerto, Ferrocarril), Bilbao (Aeropuerto, Puerto), Cadiz (Puerto), Cartagena (Puerto), Castellon (Puerto), Ceuta (Puerto), Gijón (Puerto), Huelva (Puerto), Irun (Carretera), La Coruña (Puerto), La Junquera (Carretera), Las Palmas de Gran Canaria (Aeropuerto, Puerto), Madrid (Aeropuerto, Ferrocarril), Malaga (Aeropuerto, Puerto), Marin (Puerto), Melilla (Puerto), Murcia (Ferrocarril), Palma de Mallorca (Aeropuerto, Puerto), Pasajes (Puerto), San Sebastián (Aeropuerto), Santa Cruz de Tenerife (Puerto), Santander (Aeropuerto, Puerto), Santiago de Compostela (Aeropuerto), Sevilla (Aeropuerto, Puerto), Tarragona (Puerto), Tenerife Norte (Aeropuerto), Tenerife Sur (Aeropuerto), Valencia (Aeropuerto, Puerto), Vigo (Aeropuerto, Puerto), Villagarcia (Puerto), Vitoria (Aeropuerto), Zaragoza (Aeropuerto)
Franza	Marseille (Bouches-du-Rhône), Le Havre (Seine-Maritime), Rungis MIN (Val-de-Marne), Lyon Chassieu CRD (Rhône), Strasbourg CRD (Bas-Rhin), Lille CRD (Nord), Saint-Nazaire-Montoir CRD (Loire-Atlantique), Agen (lott-et-Garonne), port de la Pointe des Galets à la Réunion
L-Irlanda	Dublin — Port and Airport, Cork — Port and Airport, Shannon — Airport
Italja	Ufficio Sanità Marittima ed Aerea di Ancona Ufficio Sanità Marittima ed Aerea di Bari Ufficio Sanità Marittima ed Aerea di Genova Ufficio Sanità Marittima di Livorno Ufficio Sanità Marittima ed Aerea di Napoli Ufficio Sanità Marittima di Ravenna Ufficio Sanità Marittima di Salerno Ufficio Sanità Marittima ed Aerea di Trieste Dogana di Fernetti-Interporto Monrupino (Trieste) Ufficio di Sanità Marittima di La Spezia Ufficio di Sanità Marittima e Aerea di Venezia Ufficio di Sanità Marittima e Aerea di Reggio Calabria

L-Istati Membri	Punt tad-dhul
Il-Lussemburgu	Centre douanier, Croix de Gasperich, il-Lussemburgu
L-Olanda	Kull port u ajruport u kull stazzjon tal-fruntiera
Österreich	HZA Feldkirch, HZA Graz, Nickelsdorf, Spielfeld, HZA Wien, ZA Wels, ZA Kledering, ZA Flughafen Wien, HZA Salzburg, ZA Klingenbach/Zweigstelle Sopron, ZA Karawankentunnel, ZA Villach
Il-Portugall	Lisboa, Leixo es
Suomi-il-Finlandja	Kull uffiċju doganali Finlandiż
Sverige	Göteborg, Ystad, Stockholm, Helsingborg, Karlskrona, Karlsham, Landvetter, Arlanda
Ir-Renju Unit	Belfast, Channel Tunnel itemm, Dover, Felixstowe, Gatwick Airport, Goole Grangemouth, Harwich, Heathrow Airport, Heysham, Hull, Immingham, Ipswich, King's Lynn, Leith, Liverpool, London (including Tilbury, Thamesport and Sheerness), Manchester Airport, Manchester li jkunu jinsabu fi Port, Manchester (including Ellesmere Port), Medway, Middlesborough, Newhaven, Poole, Shoreham, Southampton, Stansted Airport'"